



Brussell, it-8 ta' Ġunju 2020
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-
data tat-28 ta' Marzu 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAR-RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020³. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih⁴.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnegozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprovdi b'mod partikolari għal żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, m'hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim johlq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteeċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁵ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għalhekk, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti B hawn taħt).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, is-sidien tal-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE huma partikolarment avżati biex jikkonsultaw il-Parti A u l-Parti B tal-Lista Ewropea li tinkludi faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti bil-għan li jaċċertaw jekk wara l-perjodu ta' tranżizzjoni l-bastimenti tagħhom jistgħux jiġu

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Il-perjodu ta' tranżizzjoni jista', qabel l-1 ta' Lulju 2020, jiġi estiż darba b'sena jew sentejn (l-Artikolu 132(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ). Il-Gvern tar-Renju Unit s'issa eskluda tali estensjoni.

⁴ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁵ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonnoxximent reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma hemm ftehim ta' kummerċ ħieles li jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

riċiklati f'wieħed mill-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li bħalissa jinsabu fir-Renju Unit.

Innota:

Dan l-avviż ma jindirizzax

- it-trasport marittimu;
- is-sikurezza marittima;
- l-emissjonijiet fit-trasport marittimu.

Għal dawn l-aspetti, qed jitħejjew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn⁶.

A. SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Regolament dwar ir-Riċiklaġġ tal-Bastimenti (UE) Nru 1257/2013⁷ ma jibqax japplika fir-Renju Unit⁸. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

1. STATUS TAL-FAĊILITAJIET TA' RIĊIKLAĠĠ TAL-BASTIMENTI LI JINSABU FIR-RENJU UNIT

Skont l-Artikolu 6(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, is-sidien tal-bastimenti li jtajru bandiera ta' Stat Membru⁹ għandhom jiżguraw li bastimenti li jkunu se jiġu rriċiklati ikunu rriċiklati biss f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jkunu inklużi fil-Lista Ewropea (il-“Lista Ewropea”).

Mil-lum, il-Lista Ewropea¹⁰ tinkludi erba' faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fir-Renju Unit, bid-dati ta' skadenza li ġejjin. Attwalment, dawn il-faċilitajiet kollha huma inklużi fil-Parti A tal-Lista Ewropea li tinkludi faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti li jinsabu fi Stat Membru.

Isem il-faċilità	Data tal-iskadenza tal-inklużjoni
------------------	-----------------------------------

⁶ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_en

⁷ Ir-Regolament (UE) Nru 1257/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 u d-Direttiva 2009/16/KE

⁸ Rigward l-applikabbiltà tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti B ta' dan l-avviż.

⁹ Ara l-Artikolu 2(1) tar-Regolament.

¹⁰ Ara l-aħħar verżjoni konsolidata: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:02016D2323-20200212>

Swansea Drydock Ltd	it-2 ta' Lulju 2020
Harland and Wolff Heavy Industries Limited	it-3 ta' Awwissu 2020
Able UK Limited	is-6 ta' Ottubru 2020
Dales Marine Services Ltd	it-2 ta' Novembru 2022

Mill-erba' faċilitajiet elenkati hawn fuq, tlieta jinsabu fil-Gran Brittanja u faċilità waħda (Harland and Wolff Heavy Industries Limited) tinsab fl-Irlanda ta' Fuq.

Għal tnejn minn tliet faċilitajiet li jinsabu fil-Gran Brittanja (Swansea Drydock Ltd u Able UK Limited), id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni tagħhom fil-Lista Ewropea tinsab *qabel* tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għalhekk, mid-dati tal-iskadenza, l-entrati inklużi fil-Lista Ewropea għal dawn iż-żewġ faċilitajiet se jsiru nulli, sakemm ir-Renju Unit ma jinnotifikax lill-Kummissjoni dwar it-tiġdid tal-awtorizzazzjoni mogħtija lil daww il-faċilitajiet biex iwettqu r-riċiklaġġ tal-bastimenti u dawn il-faċilitajiet ma jergħu jiddaħħlu fil-Parti A tal-Lista Ewropea. Madankollu, anki jekk dawn il-faċilitajiet jiddaħħlu mill-ġdid fil-Parti A tal-Lista Ewropea, l-entrata se ssir nulla wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni. Bħala konsegwenza, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE ma jistgħu jiġu irriċiklati aktar f'dawn il-faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti wara dawn id-dati ta' skadenza (jiġifieri wara t-2 ta' Lulju 2020 u s-6 ta' Ottubru 2020, rispettivament, jew – f'każ li l-faċilitajiet jergħu jiddaħħlu fil-Lista Ewropea – wara l-31 ta' Diċembru 2020).

Għat-tielet faċilità li tinsab fil-Gran Brittanja (Dales Marine Services Ltd), id-data tal-iskadenza tal-inklużjoni tagħha fil-Lista Ewropea tinsab *wara* tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għalhekk, l-entrata inkluża fil-Lista Ewropea għal din il-faċilità se ssir nulla wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. B'konsegwenza ta' hekk, vapuri li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE ma jistgħu jiġu aktar irriċiklati f'din il-faċilità ta' riċiklaġġ tal-bastimenti wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Jekk it-tliet faċilitajiet imsemmija hawn fuq li jinsabu fil-Gran Brittanja jixtiequ jkomplu jirriċiklaw bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Stat Membru tal-UE fil-futur, huma se jkollhom jippreżentaw applikazzjoni lill-Kummissjoni għal inklużjoni fil-Parti B tal-Lista Ewropea, skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013. Imbagħad, jekk jinstabu konformi mar-rekwiżiti sostantivi tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, dawn jistgħu jergħu jiddaħħlu fil-Parti B tal-Lista Ewropea, li tinkludi faċilitajiet għar-riċiklaġġ tal-bastimenti approvati li jinsabu f'pajjiż terz.

2. INVENTARJU TA' MATERJALI PERIKOLUŻI

Skont l-Artikolu 12 tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, il-vapuri kollha li jtajru bandiera ta' pajjiż terz li jkunu dieħla f'port jew ankraġġ ta' Stat Membru għandhom ikollhom abbord inventarju tal-materjali perikolużi li jkun konformi mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1257/2013, flimkien ma' ċertifikat li jakkumpanjah (ċertifikat ta' konformità).

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, bastimenti li jtajru l-bandiera tar-Renju Unit se jkollhom jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit.

B. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.¹¹ Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.¹²

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq hija ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru.¹³

Il-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jipprovdi li r-Regolament (UE) Nru 1257/2013 japplika għar-Renju Unit u fih, fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.¹⁴

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Parti A ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser li ġej:

- Il-faċilità tar-riċiklaġġ tal-bastimenti li tinsab fl-Irlanda ta' Fuq (Harland and Wolff Heavy Industries Limited) tista' tibqa' fil-Parti A tal-Lista Ewropea wara l-perjodu ta' tranżizzjoni, dment li r-Renju Unit jinnotifika lill-Kummissjoni bit-tiġdid tal-awtorizzazzjoni mogħtija lil dik il-faċilità biex twettaq ir-riċiklaġġ tal-bastimenti u din il-faċilità terġa' tiddaħħal fil-Parti A tal-Lista Ewropea. Madankollu, is-servizzi tal-Kummissjoni s'issa għadhom ma rċevewx tali komunikazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju Unit.
- Meta jkunu dieħla f'port jew f'ankraġġ tal-Irlanda ta' Fuq, il-bastimenti li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz, inkluża l-bandiera tar-Renju Unit, għandhom ikollhom abbord inventarju ta' materjali perikolużi li jkun konformi mar-Regolament (UE) Nru 1257/2013 (ara t-taqsim A2 ta' dan l-avviż).

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-riċiklaġġ tal-bastimenti (<https://ec.europa.eu/environment/waste/ships/>) jipprovdi informazzjoni addizzjonali,

¹¹ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹² L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq

¹³ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁴ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq u t-taqsim 25 tal-Anness 2 ta' dak il-Protokoll.

inkluża l-aħħar verżjoni tal-Lista Ewropea ta' faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti. Se tiġi aġġornata b'informazzjoni addizzjonali, fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent